MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2092/2000/1

***Lapsi Holdings Ltd.***
***vs***
***Incoming Travel Bureau Ltd.***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet: illi hi tiggestixxi l-lukandi bl-isem Lapsi Hotels ta' Balluta Bay San Giljan; illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' seba telef tmien mija u ghoxrin lira maltin u sittin centezmu [Lm7,820.61] rapprezentanti bilanc ta' hlas dovut ghall-akkomadazzjoni u servizzi relatati provdui mis-socjeta' attrici fuq talba tas-socjeta' konvenuta ghall-perijodu bejn l-erba [4] ta' Mejju tas-sena elfejn [2000] u d-dsatax [19] ta' Lulju ta' l-istess sena skond prospett anness u markat Dok.W1; illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-ammont dovut, izda baqghet inadempjenti; illi l-

imsemmi kreditu tas-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut u sa fejn taf is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m' ghandha ebda difiza valida opponibbli f' din il-kawza konttra t-talba ghall-hlas ta' din is-somma kif jirrizulta mill-affidavit ta' William Caruana, hawn anness u mmarkat Dok.W2; illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta'l-artikolu 167 et sequitur tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta; talbu li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:

1. Ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kap.12], u

2. Hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' seba telef tmien mija u ghoxrin lira maltin u sittin centezmu [Lm7,820.61] fuq imsemmija, dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li b' digriet moghti fl-udjenza tal-25 ta' Otturbu 2000 din il-Qorti cahdet l-ewwel talba attrici u awtorizzat lis-socjeta' konvenuta tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante li l-ammont dovut lis-socjeta' attrici huwa ta' Lm2,455;

2. Illi minghajr pregudizzju gha-suespost parti mill-bilanc pretiz mhux dovut stante li dan gie direttament imhallas

mill-operatur esteru, u ghalhekk ma hemmx dritt ta' reklam fil-konfront ta' l-eccepjent – Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi l-affidavits;

Semghet ix-xhieda;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tal-lum;

Ikkunsidrat

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Illi rizultat ta' ftehim esistenti bejn il-kontendenti, s-socjeta' attrici kienet tipprovdi akkomodazzjoni u servizzi relatati lit-turisti minn barra li kienu jigu allokati fil-lukandi taghha. Illi bazikament skond l-imsemmi ftehim, il-pagamenti li kienu isir mill-operaturi minn barra, kienu jsiru lis s-socjeta' konvenuta li sussegwentement kienet thallas lis-socjeta' attrici.

Illi s-socjeta' attrici qeda issostni li, skond il-konteggi taghha hija ghad ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta l-imsemmija somma ta' Lm7,820.61 ghal akkomodazzjoni u servizzi relatati li nghataw minnha relativament ghall-perijodu li jestendi mill-4 ta' Mejju 2000 sas 19 ta' Lulju 2000. Sussgwentement din is-somma giet ridotta mill-istess socjeta' attrici ghal Lm6,560.61[1], peress li l-hlas dovut mis-socjeta' estera Grada Eurotravel ta' Lm1,260 kien sar lilha direttament. Konsegwenza ta' dan, is-socjeta' attrici kienet baghatet lis-socjeta' konvenuta ittra datata 10 ta' Ottubru 2000,[2] fejn filwaqt li rrikonoxxiet li l-ammont dovut minn Grada Eurotravel kien thallas lilha direttament, sostniet li l-kumplament tal-flus kienu dovuti mis-socjeta' konvenuta. B' hekk il-bilanc li skond is-socjeta' attrici ghadu dovut minn din is-socjeta' huwa ta' **Lm6,560.61**.

[1] Deposizzjoni Dianne Bayliss – 14.09.2001 fol.51
[2] Fol.19

Illi minn naha taghha s-socjeta' konvenuta permezz tad-Direttur taghha Francis Said, qed issostni li l-ammont dovut minnha lis-socjeta' attrici huwa ta' Lm2,455, stante li parti mill-bilanc pretiz kien gie direttament mhallas mill-operatur esteru *"u ghalhekk ma hemm dritt ta' reklam fil-konfront ta' l-eccepient".*[3]

Illi ghalhekk il-bilanc kontestat bejn il-partijiet irriduca ruhu ghas-somma ta' Lm6,560.61.

Illi l-Qorti tosserva li t-tesi principali tal-konvenut, mhijiex li l-akkomodazzjoni u s-servizz ma nghatawx mis-socjeta' attrici, izda li parti sostanzjali mill-ammont pretiz diga gie mhallas lil din is-socjeta' direttament mill-operaturi esteri. Fil-fatt fix-xhieda[4] tieghu Raymond Said esebixxa *re conciliation statement of account*[5] fejn hemm indikati ismijiet ta' operaturi esteri li skond hu hallsu lis-socjeta' attrici direttament. Anke fl-affidavit tieghu isostni: *"Illi hemm diversi operaturi li kkonfermawlna li huma hallsu direttament lis-socjeta' attrici u ricevuta minnhom qed tigi esebita.."*[6]

Illi in tema legali l-Qorti tosserva li huwa principju fundamentali f' materja ta' prova li l-*onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u *quod gratis asseritur gratis negatur;* principju skolpit fl-artikolu 562 tal-Kap.12.

Illi fil-kaz in disamina, ghalkemm Francis Said, direttur tas-socjeta' konvenuta, sostna li l-ammonti kienu thallsu direttament minn barra, huwa ma gab ebda prova dwar dan, hlief ghar-<u>ricevuta wahda</u> [7]rigwardanti l-hlas ta' Lm1,260 dovut minn Grada Eurotravel liema pagament gie rikonoxxut mis-socjeta' attrici kif fuq indikat u din ghamlet riduzzjoni konsegwenzjali fl-ammont pretiz.

---

[3] Nota eccezzjonijiet fol.24
[4] Dep.25 Ottubru 2000 fols.12 *et seq.*
[5] Dok.RS3 fol.22
[6] Fol.32
[7] Dok.RS1 fol.39

Izda rigward il-kumplament tal-ammont pretiz, kif ridott, is-socjeta' konvenuta naqset li ggib provi in sostenn tal-allegazzjoni taghha.  Inoltre, f' dan ir-rigward, jigi osservat li ghalkemm fil-lista tax-xhieda taghha din is-socjeta' indikat bhala xhieda rappresentanti tad-diversi operaturi esteri, hija nqaset li tipproducihom biex tissostanzja dak li qed issostni.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li il-fatti allegati mis-socjeta' konvenuta ma gewx sodisfacentement provati, u ghalhekk huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt.  Minn naha l-ohra, is-socjeta' attrici resqet provi sodisfacenti in sostenn tal-pretensjoni taghha.

Illi kunsidrat il-premess, u fin-nuqqas tal-prova li l-operaturi esteri kienu hallsu lis-socjeta' attrici direttament, allura t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' Lm6,560.61 hija meqjusa bhala gustifikata u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-ewwel eccezzjoni u l-akkoljiment tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' t-tieni talba attrici limitatament ghas-somma ta' ***sitt elef hames mija sittin lira maltin u wiehed u sittin centezmu [Lm6,560.61]***;  u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas din is-somma lis-socjeta' attrici; bl-imghax legali skond il-ligi;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal kwinta parti [1/5] mis-socjeta'attrici,  u l-kumplament mis-socjeta'konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------